**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tnejn 26 t'Ottubru 2020

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 20**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 20 li ser tinżamm permezz ta' ZOOM nhar it-Tlieta 27 t'Ottubru 2020 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
20.5 Rapporti;
20.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
20.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
20.8 Aġġornament dwar l-Iskema tal-Ħarsien tal-Annimali mill-Kunsilli Lokali;
20.9 Skema ta' Għajnuna għal Tiżjin tal-Milied fil-Lokalità 2020
20.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
20.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-20 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 27 t'Ottubru 2020 fil-17:30 permezz ta' ZOOM (online) u spiċċat fis-19:00.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR (online) |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (online) |
| Kunsilliera | Marion Parnis (online) |
| Kunsillier | Charles Zerafa (online) |
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri (online) |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Daniel Farrugia (bagħat raġuni permezz t'e-mail) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

20.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

20.1.1 Inqrat e-mail t'apoloġija mibgħuta mill-Kunsillier Daniel Farrugia u li kienet aċċettata mill-membri tal-Kunsill Lokali unanimament.

20.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

20.2.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja tkellem dwar il-Minuta 18.4.1 fejn qal li ma kienx hemm miktub li ġie deċiż li ssir talba lil Transport Malta għal zebra crossing fi Triq it-Tempesta.

20.2.2 Il-Minuti tat-18 u d-19-il Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja.

20.2.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat il-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 20.3, 20.4 u 20.5 jiġu diskussi wara Minuta 20.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

20.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

20.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li qiegħed jittama li din il-ġimgħa jingħata l-konkos tal-ewwel sular.

20.6.2 Spjega li għada filgħodu ser issir laqgħa mal-Perit responsabbli mill-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

proġett, u jekk kemm-il darba kollox jinsab sewwa, allura l-Ħamis ikun jista' jingħata l-konkos.

## 20.7 **AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – HITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA**

20.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li ma sar l-ebda żvilupp mill-aħħar laqgħa.

20.7.2 Spjega lill-membri tal-Kunsill Lokali kif għalkemm għandna kollox f'idejna, mhux jirnexxielna nikkomunikaw mas-sottokuntrattur.

20.7.3 Anke l-kuntrattur qiegħed jagħmel dak kollu possibbli sabiex jikkomunika miegħu, imma lanqas hu mhu jirnexxielu jagħmel kuntatt.

## 20.8 **AĠĠORNAMENT DWAR L-ISKEMA TAL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI MILL-KUNSILLI LOKALI**

20.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li kellna komunika mill-Perit tal-Kunsill Lokali li kull shelter li jrid isir minħabba l-annimali, irid isir permezz ta' DNO mal-Awtorità tal-Ippjanar.

20.8.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li fl-aħħar laqgħa li saret dwar din l-iskema flimkien mad-Direttur Montebello, irċeviet komunikazzjoni li tgħid li jekk ix-shelters ikunu mobbli, mhemmx għalfejn li ssir DNO.

20.8.3 Is-Sindku qal li għada jista' jinbeda l-proċess ta' DNO biex naraw jekk huwiex possibbli li jsiru l-cat shelters fi Triq Ġużè Cassar u Triq Congreve (Wied iż-Żurrieq).

## 20.9 **SKEMA TA' GĦAJNUNA GĦAL TIŻJIN TAL-MILIED FIL-LOKALITÀ 2020**

20.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li għat-tieni sena konsekuttiva r-Reġjun tan-Nofsinhar ser jerġa' jagħti fondi sabiex isir it-tiżjin tal-Milied.

20.9.2 Huwa ppropona li għal din is-sena nerġgħu narmaw l-istess postijiet

tas-sena li għaddiet, jiġifieri wara l-Monument tal-Gwerra u l-Ġnien tal-Warda.

20.9.3 Il-mixgħela ser tibda mit-Tnejn 7 ta’ Diċembru 2020 u tibqa’ sejra sal-Ħadd 10 ta’ Jannar 2021.

## 20.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

20.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-finanzjament ta’ proġetti kapitali – aċċessibilità u mobilità.

20.3.1.1 Qal li għandna ċans sa nhar il-Ġimgħa sabiex napplikaw għall-fondi biex niffinanzjaw il-lift li ser isir fiċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid li qed jinbena bħalissa.

20.3.1.2 Is-Sindku ppropona li għandna napplikaw għas-somma ta’ €35,000 li hija maqsuma fuq ħames partijiet bl-akbar spiża tkun ix-xiri u l-installazzjoni tal-lift, li ser tkun €30,000.

20.3.1.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

20.3.2 Is-Sindku qal li jinsab inkwetat dwar Triq Rokku Buhagiar.

20.3.2.1 Spjega kif ilna mwegħdin minn Marzu ta’ din is-sena li suppost ser isiru t-tiswijiet f’din it-triq, u minn xahar għall-ieħor spiċċajna li x-xogħol mistenni jibda f’Novembru li ġej.

20.3.2.2 Żied li d-Diviżjoni tax-Xogħolijiet għandhom biss tliet persuni li jqiegħdu l-madum, u jidher li minħabba l-kaċċa dawn il-ħaddiema qegħdin bil-leave u ġaladarba jidħlu lura għax-xogħol ikunu jistgħu jibdew ix-xogħolijiet fi Triq Rokku Buhagiar.

20.3.2.3 Qal li mhuwiex kuntent bis-sitwazzjoni imma m’għandniex alternattiva minħabba li t-triq mhijiex responsabbiltà tagħna.

20.3.3 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol fil-Ġnien tal-Warda.

20.3.3.1 Qal li dan ix-xogħol ta' tisbiħ inbeda, fejn s'issa waslu l-bankijiet, b'għajnuna mill-Ministeru tat-Turiżmu, kif ukoll wasal l-apparat li ser ikun installat.

20.3.3.2 Spjega kif sar il-hoarding u nqala' l-apparat li kien hemm kif ukoll bdiet tinqala' l-art tal-lastiku.

20.3.4 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Ġwiewel u qal li reġgħet intalbet laqgħa mal-Perit tad-Diviżjoni tax-Xogħolijiet sabiex niddiskutu x'jista' jsir biex insolvu l-problema tal-għargħar f'din it-triq.

20.3.5 Is-Sindku tkellem dwar Triq Sant'Anna u qal li fl-aħħar ġranet twaħħlu xi tabelli minn kuntrattur u jidher li ser isiru xi xogħolijiet f'din it-triq.

20.3.5.1 Qal li s'issa għadna ma nafux min ser jagħmel ix-xogħolijiet għax ħadd ma kkomunika mal-Kunsill Lokali, u qegħdin naraw jekk hijiex Infrastruttura Malta li ser tieħu ħsieb dawn ix-xogħolijiet.

20.3.6 Is-Sindku tkellem dwar Triq it-Tempesta u qal li kulma fadal hi li jingħata l-aħħar saff ta' tarmak.

20.3.6.1 Qal li b'hekk tkun tlestiet fażi oħra, imbagħad tibda l-fażi tal-bankini u r-roundabouts li fadal isiru fil-by-pass.

20.3.6.2 Barra minn hekk, jidher li ġaladarba titlesta' parti minn Triq it-Tempesta ser titkompla Triq is-Siġġiewi li bħalissa tinsab migrufa, u skont il-kuntrattur jista' jkun li din it-triq terġa' tingħata t-tarmak kollha kemm hi.

20.3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-fetħa li hemm f'Misraħ il-Maqluba, eżattament il-biċċa li għadha mhijiex żviluppata.

20.3.7.1 Qal li qed nagħmlu dak kollu possibbli sabiex insebbħu din iż-żona imma qed insibu xi oġġezzjonijiet mill-ERA u qegħdin niddiskutu magħhom.

20.3.8 Is-Sindku tkellem dwar talba għal parkeġġ riservat għall-pesuna

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

b'diżabilità fi Triq Nazzareno Sammut.

20.3.8.1 Spjega kif din it-triq hija mimlija garaxxijiet, allura rridu niċċekkjaw eżattament fejn qed jintalab dan il-parkeġġ.

20.3.9 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret fil-Kunsill Lokali tal-Imqabba li attenda għaliha s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon dwar software li jista' jibda jintuża' mill-Kunsill Lokali minħabba permessi, eċċ...

20.3.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-laqgħa kienet dwar software li jista' jgħin sabiex il-Kunsill Lokali jkun aċċessibbli online fuq il-permessi u l-għeluq tat-toroq sabiex isiru xi xogħolijiet.

20.3.9.2 Spjega kif b'mod speċjali f'dan il-mument tal-pandemija tal-Covid-19 tkun ideali li jkun installat software simili, sabiex jekk kemm-il darba l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali jkollu jagħlaq għal xi jiem minħabba raġunijiet li ma jkunx hemm kontroll fuqhom, l-impjegati xorta jkunu jistgħu jaħdmu mid-dar.

20.3.9.3 Żied li mhux biss minħabba l-pandemija, imma wkoll sabiex il-Kunsill Lokali jkun aktar aċċessibbli mill-internet, għaliex persuna ma jkolliex għalfejn tmur fiżikament l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sabiex tagħmel permess għal xi xogħolijiet.

20.3.9.4 Is-Sindku qal li jkun tajjeb li ssir laqgħa mal-persuni inkarigati mis-software sabiex fil-laqgħa li jmiss ikun deċiż jekk il-Kunsill Lokali jixtrix dan is-servizz jew le.

20.3.10 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li rċevejna mingħand is-Sur John Vella, is-Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika Lourdes, dwar dawl għax-xelter li hemm fi Triq il-Parroċċa.

20.3.10.1 Qal li tkellem mal-Korporazzjoni Enemalta u kien mgħarraf li għalkemm floodlight fuq barra tista' tkun imqabbda mal-istreet lighting, fuq ġewwa żgur li le għax tmur kontra r-regolamenti tal-istess Korporazzjoni.

20.3.10.2 Qal li min-naħa tiegħu diġà informa verbalment lis-Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika Lourdes dwar dan il-każ.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 20.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

20.4.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar il-fondi tal-Lifelong Learning u jekk hemmx minnhom li jistgħu jintużaw sabiex persuna tkun inkarigata li tiftaħ u tagħlaq il-post.

20.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li rridu noqgħodu attenti kif nonfqu l-fondi minħabba li mir-Reġjun tan-Nofsinhar qed nieħdu biss €1,000 u dawn irridu nużawhom sabiex nikru s-sala taċ-Ċentru Pastorali Parrokjali kif ukoll diġà użajna minnhom sabiex inxtara whiteboard mobbli.

20.4.2 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet dwar is-service road fi Triq it-Tempesta kantuniera ma' Triq il-Warda, u jekk jistax isir xi ħaġa biex ma jkunx hemm sewqan eċċessiv.

20.4.2.1 Staqsiet jekk tistax issir sleeping policeman f'dan il-każ u s-Sindku wieġeb li ser niċċekkjaw.

20.4.3 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet dwar il-kotba l-ġodda tal-Librerija Pubblika u s-Sindku wieġeb li waslu din il-ġimgħa.

20.4.4 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar l-immanniġjar tat-traffiku qrib l-Iskola Primarja u ċ-Ċentru ta' Riżorsi Helen Keller.

20.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li fl-aħħar ġimgħat tkellimna mal-kapijiet taż-żewġ skejjel fejn tajna l-proposti tagħna, biss s'issa jidher li l-iskejjel jinsabu kuntenti bl-arranġamenti preżenti.

## 20.5 RAPPORTI

20.5.1 L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri qal li l-Kunsill Lokali

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

taż-Żgħażagħ ħassar l-attività li kellha ssir għal Halloween.

## 20.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

20.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €24,720.79 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 10/20 u €106.43 skont il-*Petty Cash* Ref X/09.

20.10.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

20.10.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

20.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 20.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

20.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:00 u ġiet aġġornata għat-Tlieta 24 ta' Novembru fil-17:30.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |